Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1107

28.5.2025

# DEĊIŻJONI AL-KUNSILL (PESK) 2025/1107

## tas-27 ta' Mejju 2025

## li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315.

(2) L-Artikolu 4(2), il-punt (e), tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li l-Kunsill għandu jistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO), li jirriflettu kemm appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll il-forniment ta' appoġġ sostanzjali skont il-mezzi u l-kapaċitajiet għal operazzjonijiet u missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK).

(3) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 ([2]), li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO.

(4) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta wkoll Rakkomandazzjoni dwar pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-PESCO ([3]) ("ir-Rakkomandazzjoni").

(5) Il-paragrafu 9 tar-Rakkomandazzjoni speċifika li jenħtieġ li l-Kunsill jaġġorna l-lista ta' proġetti PESCO sa Novembru 2018 biex tinkludi s-sett ta' proġetti li jmiss, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315, li tipprevedi b'mod partikolari li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") jista' jagħmel rakkomandazzjoni rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proġetti PESCO, abbażi ta' valutazzjonijiet mogħtija mis-segretarjat tal-PESCO, għal deċiżjoni li tittieħed mill-Kunsill, wara parir militari mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC).

(6) Fil-25 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/909 ([4]) li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO.

(7) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1797 ([5]) li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340.

(8) Fis-16 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2008 ([6]) li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340.

---

([1]) ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2315/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/340/oj).
([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2018 dwar pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-PESCO (ĠU C 88, 8.3.2018, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/909 tal-25 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/909/oj).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1797 tad-19 ta' Novembru 2018 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista tal-proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 294, 21.11.2018, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/1797/oj).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2008 tas-16 ta' Novembru 2021 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 407, 17.11.2021, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2008/oj).

(9) Fit-22 ta’ Mejju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/995 [7] li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340.

(10) Fil-15 ta’ Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1972 [8] li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340.

(11) Fid-19 ta’ Lulju 2024, is-Segretarjat tal-PESCO informa lill-Kunsill li l-membri tal-proġett “Ħelikopters ta’ Attakk Ewropej TIGER Mark III” kienu ddeċidew li jagħlqu l-proġett.

(12) Fit-18 ta’ Novembru 2024, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu l-impenji meħuda fil-qafas tal-PESCO [9].

(13) Fil-25 ta’ Marzu 2025, ir-Rappreżentant Għoli għamel rakkomandazzjoni lill-Kunsill rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta’ proposti ta’ proġetti fil-qafas tal-PESCO.

(14) Fis-27 ta’ Marzu 2025, is-Segretarjat tal-PESCO informa lill-Kunsill li l-membri tal-proġett “Ċentru Ewropew ta’ Ċertifikazzjoni tat-Taħriġ għall-Armati Ewropej” kienu ddeċidew li jagħlqu l-proġett.

(15) Fid-29 ta’ April 2025, il-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà qabel dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-parir militari tal-EUMC dwar ir-rakkomandazzjoni tar-Rappreżentant Għoli rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta’ proposti ta’ proġetti fil-qafas tal-PESCO.

(16) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 tiġi emendata u aġġornata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 6. (Ċentru Ewropew ta’ Ċertifikazzjoni tat-Taħriġ għall-Armati Ewropej) jitħassar;

(b) il-punt 25 (Ħelikopters ta’ Attakk Ewropej TIGER Mark III) jitħassar;

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“73. Inizjattiva Ewropea Konġunta għal Konverġenza rigward il-Gwerra Elettromanjetika (JEEWCI);

74. Sostitut taċ-Ċomb fil-Munizzjon tal-Infanterija (SLIA);

75. Interfaċċa Ottronika Komuni li tinżamm fl-Idejn (CHOI);

76. Navigazzjoni tal-Infanterija mingħajr GNSS (InfNav mingħajr GNSS);

77. Sistemi ta’ Enerġija Diretta (DES);

78. Sistema ta’ Suldati Żmontati tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGDSS);

79. Bastiment Modulari ta’ Qiegħ il-Baħar (MSV);

80. Kapaċità Futura ta’ Riforniment ta’ Fjuwil fl-Ajru (mingħajr ekwipaġġ);

81. Trasport bl-Ajru Mingħajr Bdot Abbord ta’ Suldati Korruti (UNATIS);

82. Faċilitaturi Kwantistiċi għal Vantaġġ Strateġiku (QUEST);

83. Rwol 2 tal-Faċilità għat-Trattament Mediku - Żvilupp tal-Kapaċitajiet (MTF R2F-CD);”.

---

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/995 tat-22 ta’ Mejju 2023 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta’ proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 135, 23.5.2023, p. 123, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/995/oj).

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1972 tal-15 ta’ Lulju 2024 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta’ proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L, 2024/1972, 16.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1972/oj)

[9] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta’ Novembru 2024 li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw l-impenji meħuda fil-qafas tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) (ĠU C, C/2024/6982, 19.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6982/oj).

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

(3) L-Anness II huwa sostitwit bit-test kif jidher fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SZŁAPKA

*ANNESS I*

L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista tal-membri tal-proġett ta' kull proġett individwali stabbilit fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/340:

| | Proġett | Membri tal-proġett |
|---|---|---|
| "73. | Inizjattiva Ewropea Konġunta għal Konverġenza rigward il-Gwerra Elettromanjetika (JEEWCI) | il-Ġermanja, in-Netherlands |
| 74. | Sostitut taċ-Ċomb fil-Munizzjon tal-Infanterija (SLIA) | il-Ġermanja, iċ-Ċekja |
| 75. | Interfaċċa Ottronika Komuni li tinżamm fl-Idejn (CHOI) | il-Ġermanja, in-Netherlands |
| 76. | Navigazzjoni tal-Infanterija mingħajr GNSS (InfNav mingħajr GNSS) | il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands |
| 77. | Sistemi ta' Enerġija Diretta (DES) | l-Italja, Spanja |
| 78. | Sistema ta' Suldati Żmontati tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGDSS) | l-Italja, il-Latvja |
| 79. | Bastiment Modulari ta' Qiegħ il-Baħar (MSV) | Franza, l-Italja |
| 80. | Kapaċità Futura ta' Riforniment ta' Fjuwil fl-Ajru (mingħajr ekwipaġġ) | il-Ġermanja, Spanja |
| 81. | Trasport bl-Ajru Mingħajr Bdot Abbord ta' Suldati Korruti (UNATIS) | il-Ġermanja, in-Netherlands |
| 82. | Faċilitaturi Kwantistiċi għal Vantaġġ Strateġiku (QUEST) | il-Finlandja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja |
| 83. | Rwol 2 tal-Faċilità għat-Trattament Mediku - Żvilupp tal-Kapaċitajiet (MTF R2F-CD) | Franza, il-Belġju, il-Finlandja" |

"ANNESS II

"ANNESS II

LISTA AĠĠORNATA KONSOLIDATA TAL-MEMBRI TAL-PROĠETT GĦAL KULL PROĠETT INDIVIDWALI

| | Proġett | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 1. | Radju Sigur Ewropew definit b'Software (ESSOR) | Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja |
| 2. | Network ta' Ċentri Loġistiċi fl-Ewropa u Appoġġ għall-Operazzjonijiet (NetLogHubs) | il-Ġermanja, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja |
| 3. | Mobbiltà Militari | in-Netherlands, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja |
| 4. | Funzjoni Operazzjonali tal-Enerġija (EOF) | Franza, il-Belġju, Spanja, l-Italja, is-Slovenja |
| 5. | Pakkett Militari għall-Istazzjonament ta' Kapaċitajiet ta' Għajnuna f'Każ ta' Diżastru (DM-DRCP) | l-Italja, l-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, l-Awstrija |
| 6. | Sistemi Marittimi (semi-)Awtonomi għal Miżuri kontra l-Mini (MAS MCM) | il-Belġju, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja |
| 7. | Sorveljanza u Protezzjoni tal-Port u Marittimi (HARMSPRO) | l-Italja, il-Greċja, il-Polonja, il-Portugall |
| 8. | Titjib tas-Sorveljanza Marittima (UMS) | il-Greċja, il-Bulgarija, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru |
| 9. | Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni dwar it-Theddid Ċibernetiku u r-Rispons għall-Inċidenti (CTISP) | il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, il-Portugall |
| 10. | Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fis-Sigurtà Ċibernetika (CRRT) | il-Litwanja, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja |
| 11. | Sistema Strateġika ta' Kmand u Kontroll (C2) għall-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK (EUMILCOM) | Spanja, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Portugall |
| 12. | Vettura Armata għall-Ġlied tal-Infanterija / Vettura Amfibja tal-Attakk / Vettura Ħafifa Armata (AIFV/AAV/LAV) | l-Italja, il-Greċja, is-Slovakkja |
| 13. | Taħriġ bil-Ħelikopters f'Temperaturi u Altitudni Għoljin (Taħriġ H3) | il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija |
| 14. | Skola tal-Intelligence Konġunta tal-UE (JEIS) | il-Greċja, Ċipru |

| | Proġett | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 15. | Sistema Awtonoma tal-Art Integrata (iUGS) | l-Estonja, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Finlandja |
| 16. | Sistemi ta' Missili Tattiċi tal-Art Lil Hinn mil-Linja ta' Viżjoni (BLOS) tal-UE | Franza, il-Belġju, Ċipru, l-Iżvezja |
| 17. | Pakkett ta' Kapaċità ta' Intervent Taħt l-Ilma Modulari Skjerabbli (DIVEPACK) | il-Bulgarija, il-Greċja, Franza, l-Italja, ir-Rumanija |
| 18. | Sistemi Ewropej ta' Inġenji tal-Ajru Pilotati mill-Bogħod b'Reżistenza Twila f'Altitudni Medja – MALE RPAS (Eurodrone) | il-Ġermanja, iċ-Ċekja, Spanja, Franza, l-Italja |
| 19. | Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord (C-UAS) | l-Italja, iċ-Ċekja, l-Iżvezja |
| 20. | Pjattaforma Ewropea ta' Airships ta' Atmosfera Għolja (EHAAP) – Kapaċità Persistenti ta' Intelligence, Sorveljanza u Rikonijizzjoni (ISR) | l-Italja, Franza |
| 21. | Post Uniku ta' Kmand (CP) Skjerabbli għall-Kmand u l-Kontroll Tattiċi (C2) ta' Forzi ta' Operazzjonijiet Speċjali (SOF) għal Operazzjonijiet Konġunti Żgħar (SJO) – (SOCC) għal SJO | il-Greċja, Ċipru |
| 22. | Kapaċità ta' Gwerra Elettromanjetika u Programm ta' Interoperabbiltà għal Kooperazzjoni Futura dwar l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni (JISR) | iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja |
| 23. | Sorveljanza Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN) bħala Servizz (CBRN SaaS) | l-Awstrija, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, is-Slovenja |
| 24. | Element ta' Koordinazzjoni tal-Appoġġ Ġeo-meteoroloġiku u Oċeanografiku (GeoMETOC) (GMSCE) | il-Ġermanja, il-Belġju, il-Greċja, Franza, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija |
| 25. | Soluzzjoni ta' Radjunavigazzjoni tal-UE (EURAS) | Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, l-Iżvezja |
| 26. | Network ta' Sensibilizzazzjoni tas-Sorveljanza Spazjali Militari Ewropew (EU-SSA-N) | l-Italja, il-Ġermanja, Spanja, Franza, in-Netherlands |
| 27. | Ċentru Komuni Ewropew Integrat għat-Taħriġ u s-Simulazzjoni (EUROSIM) | l-Ungerija, il-Ġermanja, Franza, il-Polonja, is-Slovenja |
| 28. | Hub tal-UE għall-Akkademja u l-Innovazzjoni fiċ-Ċibernetika (EU CAIH) | il-Portugall, il-Bulgarija, ir-Rumanija |
| 29. | Ċentru ta' Taħriġ Mediku għall-Forzi tal-Operazzjonijiet Speċjali (SMTC) | il-Polonja, l-Ungerija |
| 30. | Żona ta' Taħriġ Militari għad-Difiża Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN) (CBRNDTR) | ir-Rumanija, Franza, l-Italja |

| | Proġett | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 31. | Network tal-Unjoni Ewropea ta' Ċentri tal-Għadis (EUNDC) | ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza |
| 32. | Sistema Marittima Awtonoma għal Kontra s-Sottomarini (MUSAS) | il-Portugall, Spanja, Franza, l-Iżvezja |
| 33. | Korvetta ta' Pattulja Ewropea (EPC) | l-Italja, il-Greċja, Spanja, Franza, ir-Rumanija |
| 34. | Attakk Elettroniku fl-Ajru (AEA) | Spanja, Franza, l-Iżvezja |
| 35. | Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Qasam Ċibernetiku u tal-Informazzjoni (CIDCC) | il-Ġermanja, Franza, l-Ungerija, in-Netherlands |
| 36. | Twissija u Interċettazzjoni f'Waqthom Permezz ta' Sorveljanza tat-Teatri mill-Ispazju (TWISTER) | Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Finlandja |
| 37. | Materjali u komponenti għall-kompetittività teknoloġika tal-UE (MAC-EU) | Franza, il-Ġermanja, Spanja, il-Portugall, ir-Rumanija |
| 38. | Kapaċitajiet tal-UE għal Gwerra Kollaborattiva (ECoWAR) | Franza, il-Belġju, Spanja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja |
| 39. | Sistema Ewropea ta' Arkitettura għall-Inseriment Globali ta' Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS) (GLORIA) | l-Italja, Franza, ir-Rumanija |
| 40. | Ċentru ta' Simulazzjoni u Ttestjar tal-Karru Armat Ewlieni (MBT-SIMTEC) | il-Greċja, Ċipru |
| 41. | Sħubija Militari tal-UE (EU MP) | Franza, l-Estonja, l-Italja, l-Awstrija |
| 42. | Elementi Essenzjali tal-Iskorta Ewropea (4E) | Spanja, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, l-Iżvezja |
| 43. | Vettura tal-Wiċċ Semi-Awtonoma ta' Daqs Medju (M-SASV) | l-Estonja, Franza, il-Latvja, ir-Rumanija, l-Iżvezja |
| 44. | Trasport Strateġiku bl-Ajru għat-Tagħbija Akbar min-Normal (SATOC) | il-Ġermanja, iċ-Ċekja, Franza, in-Netherlands |
| 45. | RPAS Żgħira tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGSR) | Spanja, l-Ungerija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja |
| 46. | Stazzjon għad-Dokkjar għad-Droni fuq Inġenji tal-Ajru Kbar li Jaħdmu bir-Rotors (RDSD) | l-Italja, Franza |
| 47. | Armi Żgħar b'Effetti Skalabbli (SSW) | l-Italja, Franza |
| 48. | Qawwa tal-Ajru | Franza, il-Greċja, il-Kroazja, l-Iżvezja |
| 49. | Inġenji tal-Ajru Tattiċi Futuri ta' Daqs Medju għall-Merkanzija (FMTC) | Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Iżvezja |
| 50. | Federazzjonijiet ta' Ambjenti ta' Taħriġ Ċibernetiku (CRF) | l-Estonja, il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Finlandja |
| 51. | Sistema Awtomatizzata ta' Mmudellar, Identifikazzjoni u Valutazzjoni tal-Ħsara ta' Terren Urban (AMIDA-UT) | il-Portugall, Spanja, Franza, l-Awstrija |

| | Proġett | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 52. | Ċentru Komuni għall-Immaġnijiet tal-Gvern (CoHGI) | il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, ir-Rumanija |
| 53. | Difiża tal-Assi Spazjali (DoSA) | Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija |
| 54. | Trasport bl-Ajru għad-Difiża Ewropea – Akkademja għat-Taħriġ (EDA-TA) | Franza, Spanja, l-Italja, l-Ungerija, il-Portugall |
| 55. | Sistema awtonoma tal-Art Integrata 2 (iUGS 2) | l-Estonja, il-Ġermanja, iċ-Ċekja, Franza, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Finlandja, l-Iżvezja |
| 56. | Sensuri tal-Kontrobatterija (CoBaS) | Franza, in-Netherlands |
| 57. | Torpedo antitorpedo (ATT) | il-Ġermanja, in-Netherlands |
| 58. | Protezzjoni tal-Infrastruttura Kritika f'Qiegħ il-Baħar (CSIP) | l-Italja, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Portugall, l-Iżvezja |
| 59. | Missila Futura mill-Ajru għall-Ajru ta' Medda Qasira (FSRM) | il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Ungerija, l-Iżvezja |
| 60. | Ħelikopter ta' Tagħbija Medja tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGMH) | Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, il-Finlandja |
| 61. | Sistema Integrata b'Diversi Saffi ta' Difiża kontra l-Ajru u l-Missili (IMLAMD) | l-Italja, Franza, l-Ungerija, l-Iżvezja |
| 62. | Sistema ta' Tagħmir u Sensuri għall-Kmand u l-Kontroll fl-Artiku (ACCESS) | il-Finlandja, l-Estonja, Franza, l-Iżvezja |
| 63. | Infrastruttura u Networks tal-Komunikazzjoni Robusti (ROCOMIN) | l-Iżvezja, il-Ġermanja, l-Estonja |
| 64. | RWOL 2F | Spanja, il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja |
| 65 | Inizjattiva Ewropea Konġunta għal Konverġenza rigward il-Gwerra Elettromanjetika (JEEWCI) | il-Ġermanja, in-Netherlands |
| 66. | Sostitut taċ-Ċomb fil-Munizzjon tal-Infanterija (SLIA) | il-Ġermanja, iċ-Ċekja |
| 67. | Interfaċċa Ottronika Komuni li tinżamm fl-Idejn (CHOI) | il-Ġermanja, in-Netherlands |
| 68 | Navigazzjoni tal-Infanterija mingħajr GNSS (InfNav mingħajr GNSS) | il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands |
| 69. | Sistemi ta' Enerġija Diretta (DES) | l-Italja, Spanja |
| 70. | Sistema ta' Suldati Żmontati tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGDSS) | l-Italja, il-Latvja |
| 71 | Bastiment Modulari ta' Qiegħ il-Baħar (MSV) | Franza, l-Italja |
| 72. | Kapaċità Futura ta' Riforniment ta' Fjuwil fl-Ajru (mingħajr ekwipaġġ) | il-Ġermanja, Spanja |

| | Proġett | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 73 | Trasport bl-Ajru Mingħajr Bdot Abbord ta' Suldati Korruti (UNATIS) | il-Ġermanja, in-Netherlands |
| 74. | Faċilitaturi Kwantistiċi għal Vantaġġ Strateġiku (QUEST) | il-Finlandja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja |
| 75. | Rwol 2 tal-Faċilità għat-Trattament Mediku - Żvilupp tal-Kapaċitajiet (MTF R2F-CD) | Franza, il-Belġju, il-Finlandja" |